

32005D0192

10.3.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 63/21

DEĊIJONI TAL-KUNSILL U TAL-KUMMISSJONI

tal-21 ta' Frar 2005

dwar il-konklużjoni tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa, u dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, fuq in-naħa l-oħra, sabiex tiġi kkunsidrata l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungernja, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika Slovakka ma' l-Unjoni Ewropea

(2005/192/KE, Euratom)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJET EWROPEJ,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarmen l-Artikolu 310 flimkien mat-tieni sentenza ta' l-Artikolu 300(2), l-ewwel subparagraphu, u t-tieni subparagraphu ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u partikolarmen it-tieni subparagraphu ta' l-Artikolu 101 tiegħu,

Wara li kkunsidraw l-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003 u partikolarmen l-Artikolu 2 (3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw l-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003 u partikolarmen l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw il-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidraw l-approvazzjoni tal-Kunsill bis-sahħha ta' l-Artikolu 101 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika,

Billi:

(1) Il-Protokoll għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa, u dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, fuq in-naħa l-oħra, sabiex tiġi kkunsidrata l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungernja, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika Slovakka ma' l-Unjoni Ewropea qiegħed hawn jiġi approvat f'isem il-Komunità Ewropea, il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika u l-Istati Membri.

Jugoslava tal-Maċedonja, fuq in-naħa l-oħra, sabiex tiġi kkunsidrata l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungernja, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika Slovakka ma' l-Unjoni Ewropea, ġie ffirmat f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri fit-12 ta' Diċembru 2004 skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/896/KE (¹)

(2) Sakemm jidħol fis-seħħ il-Protokoll ġie applikat fuq bażi proviżorja mill-1 ta' Mejju 2004.

(3) Il-Protokoll għandu jiġi konkluż,

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Protokoll għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa, u dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, fuq in-naħa l-oħra, sabiex tiġi kkunsidrata l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungernja, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, u r-Repubblika Slovakka ma' l-Unjoni Ewropea qiegħed hawn jiġi approvat f'isem il-Komunità Ewropea, il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika u l-Istati Membri.

(¹) ĠU L 388, 29.12.2004, p. 1.

It-test tal-Protokoll (¹) qed jiġi mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 15 tal-Protokoll. Il-President tal-Kummissjoni għandu fl-istess ħin jagħti tali notifika f'isem il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika.

Magħmul fi Brussell, 21 ta' Frar 2005.

*Għall-Kunsill
Il-President
J. ASSELBORN*

*Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO*

(¹) ĠU L 388, 29.12.2004, p. 6.